innotifikata b'pożizzjoni dominanti. Sabiex issostni tali *obiter dictum* dwar l-allegata "*strong position*" ta' TI Media fis-suq, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq interpretazzjoni żbaljata tad-Deċiżjoni 544/07/CONS, fejn naqset kompletament milli tikkunsidra r-riżultati tal-*market test*.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jilmentaw dwar l-illegalità tad-deċiżjoni minħabba nuqqas ta' investigazzjoni serja u nuqqas mill-obbligu ta' motivazzjoni, sa fejn, fir-rigward tad-definizzjoni tal-kriterji għall-għoti tal-kuntratt, kienet ibbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kontenut tad-Deċiżjoni 181/09/CONS u tad-Deċiżjoni 427/09/CONS. Għal kuntrarju ta' dak sostnut mill-Kummissjoni, dawk id-deċiżjonijiet iddefinixxew il-kriterji tal-għoti tal-kuntratti fuq il-bażi tal-lottijiet skont il-frekwenzi (A, B u, possibbilment, C), mingħajr ma ssir distinzjoni bejn operaturi nazzjonali skont il-kategorija u l-iktar mingħajr ma' TI Media ma ġiet iddefinita bħala operatur integrat vertikalment.

(1) GU L 24, p. 1
(2) GU C 267, 22.10.2008, p. 1

## Rikors ippreżentat fit-18 ta' Ottubru 2010 — Département du Gers vs Il-Kummissjoni

### (Kawża T-502/10)

(2010/C 346/105)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Département du Gers (Auch, Franza) (rappreżentanti: S. Mabile u J.-P. Mignard, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrent

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 2010/428/UE, tat-28 ta' Lulju 2010, li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, li jikkonsistu minn, jew li jiġu prodotti mill-qamħirrum modifikat ġenetikament 59122x1507xNK603 (DAS-59122-7xDAS-Ø15Ø7xMON-ØØ6Ø3-6) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali invokati mir-rikorrent huma identiċi jew essenzjalment simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-478/10, Département du Gers vs Il-Kummissjoni.

## Rikors ippreżentat fil-21 ta' Ottubru 2010 — IDT Biologika vs Il-Kummissjoni

### (Kawża T-503/10)

(2010/C 346/106)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* IDT Biologika GmbH (Dessau-Roßlau, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Gross u T. Kroupa, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-10 ta' Awwissu 2010 tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika tas-Serbja, li permezz tagħha hija, minn naħa, ċaħdet l-offerta li IDT Biologika GmbH ippreżentat għal-lott Nru 1 fil-kuntest tas-sejħa għal offerti bir-referenza EuropAid/129809/C/SUP/RS u li kellha bħala għan il-provvista ta' vaċċin anti-rabies għall-ministeru tal-agrikoltura, tal-foresta u tar-riżorsi tal-ilma tar-Repubblika tas-Serbja, benfiċjarja tal-għajnuna, u, min-naħa l-oħra, tat il-kuntratt inkwistjoni lil konsorzju ta' impriżi mmexxija minn "Biovet a.s.";

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti tikkontesta d-deċiżjoni li l-Kummissjoni Ewropea adottat fl-10 ta' Awwissu 2010 fil-kuntest ta' sejħa għal offerti li kellha bħala għan il-provvista ta' vaċċini anti-rabies (referenza tal-pubblikazzjoni: EuropAid/129809/C/SUP/RS) u li permezz tagħha hija għażlet offerent ieħor minflok ir-rikorrenti.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-ksur tal-Artikolu 252(3) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru°2342/2002 [1], peress li l-offerta li rebħet il-kuntratt ma tissodisfax ir-rekwiżiti tekniċi tad-dokument tas-sejħa għal offerti, kemm fir-rigward tal-kundizzjoni ta' nonvirulenza tal-vaċċin għall-bniedem kif ukoll fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet meħtieġa, b'tali mod li din kellha neċessarjament tiġi rrifjutata.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti tqis li nkisru tal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' trasparenza fis-sens tal-Artikolu 89(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [2], peress li, minkejja li l-offerta tagħha kienet l-unika waħda li kienet tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fir-rigward tad-dettalji tekniċi, hija xorta waħda ġiet irrifjutata.

(1) – Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002, tat-23 ta' Diċembru 2002, li jipprovdi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, p. 1).
(2) – Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74).